MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Numru. 106/2011

**Il-Pulizija
(Supretendent Martin Sammut)**

**Vs**

**Dr. Alfred Grech ta’ 60 sena iben Lawrence u Rita nee’ Grech, imwieled il-Kercem fit-18/01/1952 u joqghod The Plough, Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 5952(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Dr. Alfred Grech li gie akkuzat talli:

1. ta fastidju sesswali lill-persuna ta’ Julia Farrugia fejn assoggetta lil Julia Farrugia ghall-ghemil ta’ xi att jew twettiq ta’ xi imgieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali,

inkluzi kliem mitkellma, mossi jew l-ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta’ kliem miktuba, stampati jew xi materjal iehor, cioe’ permezz ta’ sms mibghuta fuq il-mobile phone ta’ Julia Farrugia li jgib in-numru 79421842 meta l-att, il-kliem jew l-imgieba ma ghogbux lil Julia Farrugia u li setghu ragonevolment jitqiesu bhala li huma offensivi, umiljanti jew intimidatorji fir-rigward ta’ Julia Farrugia.

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, cioe’ mobile phone li jintuza b’MSISDN 79823633 ghamel uzu mhux xieraq bih.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijietipprezentati mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’zewg akkuzi ewlenin u cioe’ dak tal-fastidju sesswali kif ukoll l-uzu mhux xieraq ta’ apparat ta’ telekomunikazzjoni. Illi dana l-kaz jikkoncerna tlett sms, tnejn mibghuta mill-imputat lill-parti leza Julia Farrugia, u wiehed li l-istess Julia Farrugia baghtet lill-imputat. Jidher illi l-imputat baghat messagg permezz tat-telefon cellulari tieghu lill-parti leza fejn huwa qalilha kliem mhux xieraq.[1] F’dana l-messagg ma jidhirx illi hemm indikat la l-isem tal-persuna li qed jibghat il-messagg u lanqas l-isem tal-persuna lil min kien qieghed jintbaghat. Illi l-parti leza twiegeb ghal dana l-messagg b’messagg iehor fejn hija tistaqsi lill-persuna li bghatilha l-messagg min hu.[2] Ftit tal-hin wara jerga’ jintbaghat messagg iehor konsistenti f’kelma wahda li wkoll hija kelma mhux xierqa.[3] Hawnhekk il-parti leza hassitha offiza u allarmata ghall-fatt illi persuna mhux maghrufa kienet qed tibaghtilha dawn it-tip ta’ messaggi li hassithom li jikkostitwixxu fastidju sesswali. Ghalhekk hija ikkomunikat direttament mal-

[1] L-ewwel messagg kien jaqra: “Li kieku mmisslek iz-zejziet”
[2] It-twegiba tal-parti leza taqra: “Min iz-zibel int?”
[3] It-tieni messagg jaqra: “Nikilulek”

Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo fejn infurmatu b'dak li kien gara u talbitu jinvestiga l-kaz. Minn stharrig li ghamlet il-pulizija u anke mir-ricerka li ghamlet Farrugia stess, irrizulta illi n-numru tat-telefon cellulari minn fejn kienu ntbaghtu dawn iz-zewg messaggi kien jappartjeni lill-imputat. Fil-fatt dana wkoll gie ikkonfermat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza minn Emanuel Cini, rapprezentant tas-socjeta Go Mobisle Communications. Il-parti leza tikkontendi illi l-imputat ma tafux u qatt ma kellmitu.

L-imputat jigi arrestat u interrogat mill-Kummissarju tal-Pulizija stess fejn fl-istqarrija tieghu huwa jammetti li kien baghat dawn il-messaggi, izda jghid illi baghthom erronjament lil parti leza peress illi dawn kienu intizi ghal habiba tieghu, certu Josephine, u mhux ghal parti leza. Jafferma illi huwa ghandu n-numru tat-telefon tal-parti leza peress illi kienet tatulu hija stess in konnessjoni ma' kaz fejn kien involut bhala avukat. Ighid illi kien laqat in-numru tal-parti leza bi zball u ma kinitx l-intenzjoni tieghu li joffendieha. Meta mistoqsi imbaghad 'il ghala kien wegibha lura b'messagg iehor mhux xieraq huwa iwiegeb: "*Kienet gennata minn naha tieghi. Ta' dan nixtieq niskuza ruhi. Jiddispjacini hafna li offendejt b'dan il-mod baxx il-persuna ta' Julia Farrugia. Nghid ukoll li jiena ma kelli ebda raguni ghaliex ghandi noffendi lil Julia. Qatt m'ghamlitli xejn. Fil-fatt kif ghedt lanqas biss nafha hlief ghal dik l-okkazzjoni li semmejt aktar qabel*."

L-imputat ma jixhidx fil-qorti u ma jressaqx provi.

**<u>Il-LIGI</u>**

Illi l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat taqa' taht il-Kapitolu 456 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar l-Ugwaljanza ghall-Irgiel u n-Nisa. Din il-ligi dahlet fis-sehh permezz tal-Att numru I tal-2003. L-ghan tal-legislatur kien illi tigi eleminata d-diskriminazzjoni bejn is-sessi. L-introduzzjoni ta' din il-ligi madanakollu saret sabiex jigu implementati r-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja qabel Malta ma setghet tissieheb f'dina l-Unjoni. Jidher illi l-ghan tal-ligi kien li jigu implementati tlett direttivi tal-Unjoni

Ewropeja li jitkellmu fuq ir-responsabbiltà tal-provi f'każi ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess, fuq il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjonijiet għal xogħol u aċċess għal kull tip ta' gwida vokazzjonali, taħriġ vokazzjonali u taħriġ ġdid u fuq it-trattament ugwali ta' nisa u rġiel li jaħdmu għal rashom. Id-direttiva titkellem ukoll fuq dawk in-nisa li jaħdmu għal rashom waqt li jkunu *pregnant* u waqt li jkunu qed irabbu lil uliedhom.

"*The EU gender equality law covers the following directives:*
*the Directive on equal pay for men and women (75/117),*
*the Directive on equal treatment of men and women in employment (76/207 as amended by Directive 2002/73),*
*the Directive on equal treatment of men and women in statutory schemes of social security (79/7),*
*the Directive on equal treatment of men and women in occupational social security schemes (86/378, as amended by Directive 96/97),*
*the Directive on equal treatment of men and women engaged in an activity, including agriculture, in a self-employed capacity (86/613),*
*the Pregnant Workers' Directive (92/85),*
*the Parental Leave Directive (96/34), the Directive on equal treatment of men and women in the access to and the supply of goods and services (2004/113)*".[4]

Illi fil-fatt dana huwa rifless fid-dibattitu parlamentari li kien sar f'dak iz-zmien. Fil-fatt fid-diskors tal-Onorevoli Lawrence Gonzi li f'dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Agent Prim Ministru jinghad:

"L-artiklu fil-Kostituzzjoni fih innifsu ma kienx biżżejjed biex jipprovdi garanzija li f'pajjiżna ma jkunx hawn diskriminazzjoni abbażi tas-sess għax dak l-artiklu jittratta r-relazzjoni bejn l-istat  u l-individwu.

[4] **[PDF]** EU Gender Equality **Law**

Jiġifieri ma kellna l-ebda liġi li tiggarantixxi li m'għandux ikun hemm diskriminazjoni bejn individwu u individwu, per eżempju, bejn *employer* u l-impjegat tiegħu, jew bejn impjegati fuq l-istess post tax-xogħol, jew bank privat li jipprovdi s-servizz tiegħu li jagħmel distinzjoni bejn nisa u irgiel. Tista' tkun diskriminazzjoni minn istituzzjoni li tipprovdi l-edukazzjoni li tiddiskrimina bejn subien u bniet.

Ma kellna l-ebda liġi li kienet qed tittratta dawn l-oqsma, allura kien hawn din il-lakuna fil-binja ta' liġijiet li fassalna partikolarment f'dawn l-aħħar erba' snin. Għalhekk ħareġ bl-iktar mod ċar il-bżonn li jkollna liġi li tindirrizza dan il-qasam b'mod iffokat, anke iżjed iffokat, mill-istess aspett ta' diskriminazzjoni li ġie ttrattat fil-qasam tax-xogħol. Għax il-qasam tax-xogħol m'huwiex l-uniku qasam fejn ma rridux li jkun hemm diskriminazzjoni. Il-liġi tax-xogħol ittrattatu dan il-punt, pero` l-potenzjal ta' diskriminazzjoni jeżisti f'ħafna oqsma oħrajn."

Imbaghad specifikatament fuq id-disposizzjoni tal-ligi in dizamina li titratta l-fastidju sesswali jghid hekk:
**"Punt importanti ieħor li tittratta din il-liġi għandu x'jaqsam mal-fastidju sesswali. Dan huwa punt li ttrattajnih diġà fil-liġi dwar ix-xogħol pero' dehrilna li għandna nittrattawh ukoll f'din il-liġi. Fil-fatt fi klawsola 2 insibu d-definizzjoni tal-kliem "fastidju sesswali" u klawsola 9 titkellem fid-dettall ħafna dwar dan. ….. Jien ma nixtieqx intawwal ħalli ma neħux ħafna ħin tal-Kamra pero' qegħdin ngħidu li fastidju sesswali jista' jfisser ċajt li m'għandux isir u aġir li bih wieħed joffendi l-pudur jew il-kumdità tiegħu fuq il-post tax-xogħol."**

Ikompli:

**"Sur President¸ din il-liġi tista' taqsamha fi tliet partijiet. Għandek il-parti ta' l-interpretazzjoni¸ il-parti tas-setturi differenti u l-parti li twaqqaf il-mekkaniżmu li jrid jgħasses dan kollu. Fil-fatt dan il-mekkaniżmu jrid jagħti soluzzjoni għaliex inkella nibqgħu fis-sħab. B'dan il-mod persuna li ssofri jew tħoss li tkun sofriet xi att diskriminatorju jew fastidju sesswali jkollha fejn**

**tmur titkellem, ikollha fejn tmur titlob il-parir u jkollha fejn tmur tara kif tista' tinstab soluzzjoni għal dik il-problema."[5]**

Illi ghalhekk minn dana kollu johrog car x'kien l-animu tal-legislatur meta fassal dina l-ligi. Il-legislatur ma kienx qed jikkontempla s-sitwazzjoni in dizamina. Izda kien qed jindirizza l-problema tad-diskriminazzjoni bejn is-sessi karatterizzat ukoll bil-fastidju sesswali u l-konsegwenzi li dan jista' jgib mieghu fil-hafna oqsma tal-hajja b'mod ewlieni fuq il-post tax-xoghol, fil-qasam tas-servizzi socjali, fl-ghoti ta' diversi beneficcju fosthom bankarji, fil-qasam tal-edukazzjoni, fost ohrajn. Dana huwa l-ispirtu tal-ligi u certament ghalhekk illi l-fattispecje ta' dana l-kaz ma jaqghux fl-ambitu taghha. L-akkuzi messhom gew ifformolati mod iehor u dana taht id-dritt penali taghna kif imfassal fid-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat minn dina l-ewwel akkuza billi hija legalmente insostenibbli.

Illi t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kif inghad sewwa mid-difiza, dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel mat-tezi tad-difiza illi l-ligi fl-artikolu 49(c) qed jikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu ikun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq. Dina d-dicitura hija ben

[5] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati seduta numru 809, seduta tat-Tnejn 4 ta' Novembru 2002.

differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa “uzu mhux b’mod kif imiss.” Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007.

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat intenzjonalment uza l-apparat tat-telefon cellulari tieghu sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi baghat messaggi bi kliem indicenti u konnotazzjonijiet sesswali lill-parti leza. Ghaldaqstant dina l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Finalment il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv. Illi ma hemmx dubbju illi dana jirrizulta ippruvat billi kemm mill-fedina penali tal-imputat esebita in atti kif ukoll mid-diversi sentenzi tal-qrati taghna jirrizulta illi fl-ahhar hames snin qabel il-kummissjoni ta’ dana r-reat l-imputat kien gie misjub hati ta’ reati ohra. Il-Qorti madanakollu tqis li piena pekunjarja tkun bizzejjed sabiex l-imputat jirrealizza l-izball tieghu u ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser toghla bi grad meta tigi biex tikkalibra l-piena, izda m’hijiex ser tkun klementi meta tigi biex tinfliggi l-multa relattiva. Dana ghaliex il-Qorti ma tistax hlief tiddeplora l-imgieba tal-imputat, mhux biss ghaliex dina l-imgieba hija wahda ghal kollox bla sens  u mhux xierqa, izda iktar u iktar meta wiehed iqis illi l-imputat huwa bniedem fil-professjoni legali, avukat li jaf il-ligi sew u li huwa fid-dmir tieghu illi jaghti pariri lil terzi sabiex ma jaghmlux proprju dak illi huwa akkuzat dwaru. L-imputat irid jaghti ezempju bl-imgieba tieghu bhal kull persuna illi jiehu l-gurament ta’ avukat u mhux isir hati ta’ reati kriminali. Il-Qorti tittama illi l-imputat jiddesisti darba ghal dejjem minn dina t-tip ta’ imgieba u jekk hemm bzonn jiehu l-ghajnuna li jenhtieg.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 49(c) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett elef euro (€3000).

Inoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati b'garanzija taht penali ta' €500 sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lil Julia Farrugia u dan ghal zmien sena mill-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------